DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Lulju 2007

dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Livell Għoli Ewropew dwar is-Sigurezza Nukleari u l-Ġestjoni ta' l-Iskart Nukleari

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/530/Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 135 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika ("Euratom") u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jsostnu u jkomplu jtejbu s-sigurezza ta' installazzjonijiet nukleari u l-ġestjoni sigura ta' fjuwil użat u skart radjuwattiv, kif rifless partikolarment fil-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti li ġiet adottata skond l-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat tal-Euratom, kif ukoll fir-riżoluzzjonijiet u konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill Ewropew, tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

(2) Il-Kunsill Ewropew tat-8/9 ta' Marzu approva l-proposta tal-Kummissjoni għat-twaqqif ta' Grupp ta' Livell Għoli ta' l-UE dwar is-Sigurezza Nukleari u l-Ġestjoni ta' l-Iskart Nukleari, bil-mandat li jkompli jiżviluppa l-għarfien komuni u, eventwalment, jiżdiedu aktar regoli Ewropej f'dawn l-oqsma.

(3) Ix-xogħol tal-Grupp ta' Livell Għoli għandu jqis il-konklużjonijiet tal-laqgħa numru 2798 tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) tat-8 ta' Mejju 2007 li tistipula lista ta' azzjonijiet possibbli, imsejsa fuq ir-rapporti tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurezza Nukleari, u jkompli jibni fuq il-kooperazzjoni li teżisti fil-kuntesti internazzjonali attwali (bħall-Konvenzjoni dwar is-Sigurezza Nukleari, il-Konvenzjoni Konġunta, l-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija Atomika, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku/l-Aġenzija ta' l-Enerġija Nukleari, l-Assoċjazzjoni ta' Regolaturi Nukleari ta' l-Ewropa tal-Punent).

(4) Il-Grupp ta' Livell Għoli għandu jkun kompost mill-kapijiet ta' l-awtoritajiet nazzjonali (dawk regolatorji jew tas-sigurezza) kompetenti fl-oqsma tas-sigurezza ta' l-installazzjonijiet nukleari u l-ġestjoni sigura ta' fjuwil użat u skart radjuwattiv. Il-Kummissjoni għandha taħtar rappreżentant tagħha.

(5) Il-Grupp ta' Livell Għoli għandu jinforma lill-Forum Ewropew ta' l-Enerġija Nukleari regolarment, biex hekk tinħoloq pjattaforma ta' diskussjoni komprensiva li tkun tinvolvi l-partijiet kollha interessati fil-qasam nukleari. Għandu jikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet eżistenti rilevanti fl-Istati Membri kkonċernati kollha.

(6) Il-Grupp ta' Livell Għoli għandu jressaq rapporti ta' attività lill-Kummissjoni regolarment, li fejn xieraq jinkludu rakkomandazzjonijiet, biex wara jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(7) Għalhekk, jeħtieġ li jitwaqqaf il-Grupp ta' Livell Għoli u jitħejjew id-dettalji dwar it-termini ta' referenza u l-istruttura tiegħu;

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Grupp ta" Livell Għoli dwar is-Sigurezza Nukleari u Ġestjoni ta' l-Iskart Nukleari (minn hawn 'il quddiem, "il-Grupp ta' Livell Għoli") huwa b'dan imwaqqaf.

Artikolu 2

Kompiti

Il-Grupp ta' Livell Għoli, jew b'inizjattiva tiegħu jew b'talba tal-Kummissjoni, għandu jagħti pariri jew jassisti lill-Kummissjoni biex din tkompli tiżviluppa l-għarfien komuni u, eventwalment, iżżid aktar regoli Ewropej fl-oqsma:

a) tas-sigurezza ta' l-installazzjonijiet nukleari, u

b) tas-sigurezza fil-ġestjoni ta' fjuwil użat u skart radjuwattiv.

Il-Grupp għandu jiffaċilita l-konsultazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

Artikolu 3

Kompożizzjoni

1. Il-Grupp ta' Livell Għoli għandu jkun kompost minn 27 rappreżentant nazzjonali li jkollhom kompetenza fl-oqsma li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 u minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Il-grupp jista' jiddeċiedi permezz ta' maġġoranza sempliċi li jżid l-ammont ta' membri li jiffurmawh billi jdaħħal deputati membri ġodda.

Kull Stat Membru għandu jinnomina membru u deputat membru. Il-membri tal-Grupp għandhom jibqgħu fil-kariga tagħhom sakemm jitbiddlu.

2. Il-Kummissjoni għandha taħtar rappreżentant f'livell għoli li jattendi l-laqgħat u jipparteċipa fid-dibattiti tal-Grupp ta' Livell Għoli. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni huwa membru ugwali tal-grupp u jipparteċipa fil-laqgħat tiegħu kollha.

3. Il-membri li ma jkunux jistgħu jkomplu jikkontribwixxu b'mod effettiv fid-diskussjonijiet tal-grupp, li jirriżenjaw jew li ma jonorawx il-kundizzjonijiet ta' sħubija fil-grupp jistgħu jiġu mibdula għall-perjodu tal-mandat li jkun fadal.

4. Kull sena, il-membri maħtura individwalment għandhom jintrabtu li jaġixxu fl-interess pubbliku u jiffirmaw dikjarazzjoni li tindika l-assenza jew l-eżistenza ta' kwalunkwe interess li jista' jnaqqas mill-oġġettività tagħhom.

5. L-ismijiet tal-membri maħtura individwalment jiġu ppubblikati fis-sit ta' l-Internet tad-DĠ għat-Trasport u l-Enerġija.

Artikolu 4

Organizzazzjoni

1. Il-Grupp ta' Livell Għoli jaħtar president minn fost il-membri tiegħu permezz ta' maġġoranza sempliċi.

2. Il-Grupp ta' Livell Għoli jista' jwaqqaf gruppi jew sottogruppi ta' ħidma magħmulin minn esperti sabiex jistudjaw suġġetti speċifiċi skond it-termini ta' referenza stabbiliti minnu. Dawn għandhom jispiċċaw hekk kif ix-xogħol tagħhom ikun lest.

3. Il-Kummissjoni tista' tattendi l-laqgħat kollha ta' dawn il-gruppi ta' ħidma ta' esperti.

4. Il-grupp u s-sottogruppi tiegħu ġeneralment jiltaqgħu fil-bini tal-Kummissjoni skond il-proċeduri u l-iskeda stabbiliti. Il-Kummissjoni tipprovdi s-servizzi ta' segretarjat.

5. Esperti mill-Istati taż-ŻEE u mill-Istati li huma kandidati għall-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea jistgħu jattendu għal-laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli bħala osservaturi. Il-Grupp ta' Livell Għoli u l-Kummissjoni jistgħu jistiednu esperti u osservaturi oħra sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu.

6. Il-Grupp ta' Livell Għoli għandu jadotta r-Regoli ta' Proċeduri tiegħu b'kunsens jew, fin-nuqqas ta' kunsens, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti, b'vot għal kull Stat Membru, suġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-segretarjat tal-Grupp ta' Livell Għoli.

Artikolu 5

L-Ispejjeż tal-laqgħat

Spejjeż ta' l-ivvjaġġar u sostenn li jintefqu minn rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru, konnessi ma' l-attivitajiet tal-Grupp ta' Livell Għoli, għandhom ikunu mħallsa mill-Kummissjoni skond id-disposizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni.

Il-membri ma għandhomx jitħallsu għad-dmirijiet tagħhom.

Artikolu 6

Rappurtar

Il-Grupp ta' Livell Għoli għandu jressaq, talanqas sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, u kull sentejn wara, rapport ta' l-attivitajiet tiegħu lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tittrasmetti r-rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u fejn xieraq, flimkien mal-kummenti tagħha.

Artikolu 7

Trasparenza

Il-Grupp ta' Livell Għoli għandu jikkonsulta b'mod estensiv malpartijiet interessati u mal-pubbliku b'mod miftuħ u trasparenti.

Artikolu 8

Kunfidenzjalità

Meta l-Kummissjoni tinforma lill-Grupp ta' Livell Għoli li l-parir mitlub jew il-kwistjoni mqajma huma ta' natura kunfidenzjali, il-membri tal-Grupp kif ukoll l-osservaturi u kwalunkwe persuna oħra għandhom ikunu obbligati li ma joħorġux informazzjoni li jkunu saru jafu biha permezz tax-xogħol tal-Grupp ta' Livell Għoli jew tal-gruppi ta' ħidma tiegħu.

F'dawn il-każijiet, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jitlob li l-membri tal-Grupp ta' Livell Għoli biss jistgħu jkunu preżenti għal-laqgħat.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni
Andris PIEBALGS
Membru tal-Kummissjoni